**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni numru: 365/2011 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**
**vs**
**Allan Grima**

**Illum 16 t'Ottubru, 2020**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Allan Grima , ID card no 115783M.

Billi akkuzat talli bhala prigunier fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, fit-2 t'Ottubru, 2006 u matul l-ahhar jiem qabel din id-data gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, Paola:

a) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) Kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Oridanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-Presidenti ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pusess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentment emmendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

c) Ikif ukoll talli minghajr l-awtorita' legittima, dahhal jew ipprova jdahhal f'xi parti tal-konfini ta' habs medicina perikoluza skont l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta u dan bi ksur tal-artikolu 7(1)(2) tal-Att Dwar il-Habs tal-Ligijiet ta' Malta.

d) U aktar talli sar recidiv wara sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtija fil-21 ta' Jannar, 2002 mill-Magistrat Dott. C. Scerri Herrera Ll.D., mill-Magistrat Dott. A. Vella LL.D. nhar it-2 ta' Settembru, 2004 liema decizjonijiet saru definittivi.

Il-Qorti hija mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', l-ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101); il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali; estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid tal-imputat; fedina penali tal-imputat; stqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar it-3 t'Ottubru, 2006 immarkata bhala Dok NB; process verbal.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' lil PC 213 Nikolai Borg, PC 398 John Aquilina, Spizjar Godwin Sammut, Dr. Juliana Scerri Ferrante, Spettur Pierre Grech, CO 142 Patrick Delia, CO 171 Paul Borg Bonaci.

Rat li nhar it-22 ta' Mejju, 2019 din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta b'ordni tal-Prim Imhallef.

Rat li fis-seduta tal-20 ta' Frar, 2020, id-Difiza u l-Prosekuzzjoni ddikjaraw li qed jezentaw lil din il-Qorti kif presjeduta milli terga' tisma' x-xhieda li diga' nstemghu minn din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat li fis-seduta tas-6 t'Awwissu, 2020, id-Difiza ssollevat l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-hames snin.

Il-Qorti ghalhekk halliet il-kawza ghal-lum sabiex taghti d-digriet taghha dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-hames snin.

**Ikkunsidrat:**

**Preskrizzjoni**

Illi d-difiza qajmet il-punt tal-preskrizzjoni u ghalhekk din il-Qorti ghandha tara jekk fil-fatt l-akkuzi fil-konfront ta' Allan Grima humiex preskritti jew le. L-akkuzi fil-konfront tal-imputat huma ta' pussess (kemm l-ewwel akkuza u t-tieni wahda), filwaqt it-tielet akkuza hija rigward talli l-imputat dahhal droga fil-konfini tal-habs. Waqt li r-raba' akkuza hija dik tar-recidiva. Illi f'dan il-kaz m'hemmx adebitat lill-imputat ukoll l-artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' r-reat kontinwat.

Illi mill-fatti tal-kaz johrog li Allan Grima kien gie arrestat mill-Pulizija u investigat fuq dan il-kaz bejn it-tnejn (2) u t-tlieta (3) t'Ottubru 2006. Fil-fatt skont id-data li hemm fl-akkuza, qieghda ssir referenza ghal dak li gara fit-tnejn (2) t'Ottubru 2006 u fil-jiem ta' qabel din id-data. Illi ghalhekk l-imputat sa dak iz-zmien kien ghadu ma tressaqx il-Qorti biex iwiegeb ghal akkuzi fil-konfront tieghu. Illi jidher fil-fatt li c-citazzjoni giet iffirmata mill-Ispettur Pierre Grech fit-28 ta' Settembru 2011 u prezentata fil-Qorti fl-istess jum u cioe' fit-28 ta' Settembru 2011. Illi jidher ukoll li l-istess Spettur Pierre Grech fl-10 t'Ottubru 2011 kien talab differiment skont kif hemm fil-verbal a fol 17. Illi minn dan il-verbal ma jidhirx li l-imputat kien prezenti fl-Awla u fil-fatt din il-kawza kienet giet differita ghat-22 ta' Novembru 2011. Illi fil-fatt skont il-verbal tat-22 ta' Novembru 2011 l-imputat deher li kien prezenti ghal din is-seduta.
Illi ghalhekk sabiex jigi kunsidrat il-kwistjoni tal-preskrizzjoni, il-Qorti trid tara l-pieni li hemm stabbiliti ghall-akkuzi li huwa ghandu jwiegeb ghalihom l-imputat. Illi jidher li l-ewwel zewg akkuzi jgorru maghhom piena ta' massimu ta' tnax-il xahar filwaqt li t-tielet akkuza igorr maghha massimu ta' piena ta' tmintax-il xahar.

Illi wkoll huwa qieghed jigi akkuzat ukoll li huwa recediv u ghalhekk kwalunkwe piena tista' tizdied bi grad skont ma' hemm fl-artikoli 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi inghad ukoll li l-imputat ma giex akkuzat b'reat kontinwat taht l-artikolu 18 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti sejra issa taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (per Imhallef Vincent Degaetano) fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija v Joseph Borg" deciza fl-10 ta' Mejju, 2000:

> *"5. Kif gie ritenut minn din il-Qorti, sedenti l-kompjant Imhallef Fortunato Mizzi, fis-Sentenza ta' l-4 ta' Novembru, 1976 fl-ismijiet **Il-Pulizija v Grazio Zerafa**, iz-zieda fil-piena stabbilita bl-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali ghandha tittiehed in konsiderazzjoni sabiex jigi determinat it-terminu tal-preskrizzjoni, u cioe' sabiex jigi determinat taht liema wiehed mill-paragrafi (a) sa (e) ta' l-Artikolu 688 ghandu jigi kunsidrat id-delitt in kwistjoni. In fatti l-Artikolu 689 jghid espressament liema huma dawk l-affarijiet li wiehed m'ghandux jiehu in konsiderazzjoni sabiex jistabilixxi z-zmien tal-preskrizzjoni: dawn huma (a) skuzi jew cirkostanzi attenwanti u (b) zieda fil-piena minhabba r-recidiva. Iz-zieda fil-piena minhabba l-kontinwat mhix imsemmija f'dana l-Artikolu 689. Fil-ligi taghna ir-reat kontinwat, li kien gie mudellat fuq l-Artikolu 79 tal-Codice Zanardelli, u meqjus bhala forma sui generis ta' konkors ta' reati, bil-partikolarita' li d-diversi reati jitqiesu bhala reat wiehed."*

Din il-Qorti taqbel ma' dak ritenut u hawn fuq citat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Joseph Borg". Hawn il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 689 tal-Kap. 9 li jghid:

> *"Ghall-effetti tal-preskrizzjoni ghandu jittiehed qies tal-piena li ghaliha r-reat ikun oridinarjament suggett, apparti kull skuza jew cirkostanza ohra partikolari li, minhabba fiha, skond il-ligi, r-reat ikun suggett ghal piena izghar; lanqas ma ghandhu jittiehed qies taz-zieda fil-piena minhabba recidiva."*

Dan l-artikolu, kif gustament qalet il-Qorti fis-Sentenza hawn fuq riferita "Il-Pulizija vs Joseph Borg", jghid espressament liema huma dawk l-affarijiet li wiehed m'ghandux jiehu in konsiderazzjoni sabiex jistabilixxi z-zmien tal-preskrizzjoni. Jigi nnutat li l-artikolu 689 tal-Kap. 9 tinkludi r-recidiva bhala wahda minn dawk l-affarijiet li wiehed m'ghandux jiehu in konsiderazzjoni sabiex jistabilixxi z-zmien tal-preskrizzjoni. Issa l-artikolu 50 tal-Kap. 9 jghid: *"Meta persuna ikkundannata ghal delitt, taghmel delitt iehor fi zmien ........... tista' tehel piena akbar bi grad wiehed mill-piena."* Li kieku l-legislatur ried jinkludi r-recidiva f'dan l-artikolu bhala haga li wiehed ghandu jiehu in konsiderazzjoni sabiex jistabilixxi z-zmien tal-preskrizzjoni ma kienx jghidha espressament f'dan l-artikolu – *ubi voluit dixit, ubi noluit tacuit*.

Issa skont l-artikolu 691 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-preskrizzjoni tibda tghaddi mill-jum li fih isir l-ahhar ksur tal-Ligi. Issa jekk wiehed jara l-akkuzi fil-konfront tal-imputat l-ahhar data indikata hija dik tat-2 t'Ottubru 2006. Illi ghalhekk it-terminu tal-preskrizzjoni beda jghodd minn din il-gurnata.

Illi skont ma hemm dan ifisser li l-piena stabbilita ghall-akkuzi li huwa qieghed iwiegeb il-massimu hija dik ta' tmintax-il xahar (18). Jekk f'dan il-kaz kellha tigi applikata r-recidiva, il-piena se titla ghal massimu ta' sentejn u dan b'applikazzjoni tal-artikolu 31(1)(b) (x)(xi) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk il-massimu possibbli huwa ta' sentejn prigunerija. Skont l-artikolu 688 (d) tal-Kap 9 l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni:

> *bl-egħluq ta' ħames snin għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn erba' snin u mhux anqas minn sena;*

Illi f'dan il-kaz, il-preskrizzjoni ghal dawn l-akkuzi hija dik ta' hames snin u kif inghad hawn fuq lanqas ma jista' jizdied dak li hemm stabbilit fl-artikolu 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta dwar ir-recidiva.

L-atti allegatament saru fis-sena 2006 u cioe' mit-2 t'Ottubru sa jiem ta' qabel. Illi fil-fatt l-imputat kien tressaq u deher fl-ewwel seduta biss fit-22 ta' Novembru 2011 u cioe' ferm aktar minn hames snin wara t-2 t'Ottubru 2006. Illi ghalkemm jidher car li l-akkuzi gew prezentati fil-Qorti fit-28 ta' Settembru 2011 izda ma hemm ebda indikazzjoni meta l-imputat kien ircieva dawn l-akkuzi fil-konfront tieghu. Illi jidher ukoll li fl-10 t'Ottubru 2011 l-imputat ma kienx prezenti waqt din is-seduta u dan skont kif jidher mill-verbal li jgib l-istess data. Lanqas ma hemm indikat meta l-imputat gie notifikat b'dawn l-akkuzi u ghalhekk tali nuqqas ma jistax din il-Qorti tassumi li saru bejn it-28 ta' Settembru 2011 u l-10 t'Ottubru 2011. Illi l-prosekuzzjoni kellha sa almenu l-1 t'Ottubru 2011 li l-imputat jigi notifikat bl-akkuzi izda ma hemm ebda prova ta' tali notifika f'dawn l-atti. Illi fil-fatt skont l-artikolu 693 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid espressament li:

> *(1) Iż-żmien tal-preskrizzjoni jinkiser b'kull att tal-proċediment li jiġi innotifikat lill-imputat jew akkużat dwar il-fatt li għalih ikun imputat jew akkużat.*

Illi ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi il-Qorti tara li l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat huma preskritti wara li ghaddew aktar minn hames snin minn mindu sehh ir-reat.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddikjara l-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat preskritta a tenur tal-Artikolu 688(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement, tillibera lill-istess imputat minn kull, htija u piena.

Ghaldaqstant, m'hijiex tikkundannah ghall-hlas tal-ispejjez inkorsi fil-mori tal-proceduri.

Tordna d-distruzzjoni tal-oggetti esebiti bhala (dawn gew elevati fl-inkjesta u hemm PV a fol 24 – dok JM) hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**